**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 16 ta' Frar, 2022**

**Talba Nru: 364/2019MD**

**Dorian Grech (KI 543089M)**

**Vs**

**Janice Azzopardi (KI 552477M)**

**Janice & Sons Ltd (C-80446)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Novembru, 2019[1] permezz ta' liema l-attur talab lil konvenuta s-somma ta' erbat'elef, disa' mija u sitta u hamsin Ewro (€4,956) dovuta, rapprezentanti xoghol ta' sensar ghal zewg kuntratti li saru unikament minnu, bl-ispejjez inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju intavolat kontestwalment u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta Janice & Sons Ltd[2] datata 12 ta' Dicembru, 2019 li permezz taghha eccepiet li s-socjeta' konvenuta m'ghandha thallas l-ebda somma lill-attur ghas-senserija ghaliex l-istess attur irid ihallas l-ammont ta' hamest'elef Ewro

[1] Fol 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 9 *et seq* tal-process.

(€5,000), bl-ispejjez inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju intavolat mill-attur kontra l-attur.

Ra r-risposta tal-konvenuta Janice Azzopardi[3] datata 12 ta' Dicembru, 2019 li permezz taghha eccepiet in linea preliminari, u talbet il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-konvenuta ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur stante li agixxiet fil-konfront tieghu bhala direttrici tas-socjeta' Janice & Sons Limited (C 80446). Li fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta ma ghandha l-ebda debitu fil-konfront tal-attur. Bl-ispejjez inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju intavolat mill-attur kontra l-attur.

Ra l-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti pprezentata mar-risposta tas-socjeta' konvenuta[4], li tghid li gej:

1. Illi l-attur rikonvenut hadem bhala sensar ghal-perjodu ta' zmien fuq bazi ta' impjieg u ghal-perjodu iehor ta' zmien fuq bazi self-employed mas-socjeta' rikonvenjenti bejn l-10 ta' Awissu tas-sena 2018 u l-25 ta' Settmebru 2019.
2. Illi l-partijiet iffirmaw arrangement li kien jikkontjeni l-company policies u l-konsegwenzi ta' ksur ta' policies (vide Dok A).
3. Illi fit-tieni paragrafu tat-tieni pagna ta' tali arrangement hemm miktub illi Janice & Sons Limited ser toffri training obbligatorju b'xejn darba kull gimgha. L-istess paragrafu jispjega li jekk il-konsulent, u cioe' l-attur rikonvenut, jieqaf joffri s-servizzi tieghu ta' sensar lis-socjeta' rikonvenjenti wara tliet xhur ta' tali servizz izda qabel ma jghaddu tliet snin mill-bidu ta' tali servizz, il-konsulent irid ihallas lil Janice & Sons Limites somma ta' hamest'elef Euro (Eur 5,000).
4. Illi l-attur rikonvenut waqaf joffri s-servizz tieghu ta' sensar lis-socjeta' rikonvenjenti wara tliet xhur ta' tali servizz, izda qabel ma ghaddew tlett snin mill-bidu ta' tali servizz.
5. Illi l-attur rikonvenut irid jithallas erbat' elef u disgha mija u sitta u hamsin Ewro (Eur4956) ghal servizzi offruti ta' senserija moghtija minnu lis-socjeta' rikonvenjenti bbejn l-10 ta' Awissu tas-sena 2018 u l-25 ta' Settembru 2019.
6. Illi l-attur, permezz ta' tpacija ghandu jhallas lis-socjeta' konvenuta d-differenza bejn il-hames'elef Ewro (Eur5000) u erbat'elef u disgha mija u sitta u hamsin Ewro (Eur4956), u cioe' l-ammont ta' erbgha u erbghin Ewro (Eur 44.00).
7. Illi ghaldaqstant, is-socjeta' rikonvenjenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas erbgha u erbghin Ewro (Eur44.00) lis-socjeta' rikonvenjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxx legali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra ir-risposta tal-attur rikonvenzjonat, ghall-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti pprezentata fil-11 ta' Frar, 2020 li eccepixxa is-segwenti[5]:

---

[3] *A fol* 15 *et seq* tal-process.
[4] *A fol* 10 *et seq* tal-process.
[5] A fol 23 et seq tal-process.

1. Illi l-attur Dorian Grech ippresta xoghol ta' sensar fuq bazi ta' 'part-time' mal-konvenuta Janice Azzopardi, izda twaqqaf milli jippresta dan is-servizz bhalma twaqqfu diversi impjegati ohra.
2. Illi l-attur kien is-sensar fil-bejgh ta' zewg proprjetajiet li ghalihom ghadu ma thallasx is-senserija dovuta lilu.
3. Illi huwa qatt ma tharreg sabiex jippresta dan ix-xoghol u ghalhekk, l-attur mhux dovut li jhallas ghal xi haga li qatt ma naghta, u dan bi ksur tal-istess kuntratt iffirmat bejn il-partijiet. Dan kif ghandu jigi spjegat fil-mori tal-kawza.
4. Illi ghalhekk mhux minnu li l-attur ghandu jhallas is-somma ta' hamest'elef Ewro (€5,000) jew xi differenza bejn dak dovut lilu mis-senserija rigwardanti l-bejgh f'zewg proprjetajiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-dokumenti li gew esebieti in atti.

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ra n-noti ta' sottomissijonijet ipprezentati mill-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

L-attur kien iffirma *policy* mas-socjeta' Janice & Sons Ltd sabiex jippresta s-servizzi ta' sensar mal-kumpanija nhar l-10 ta' Awissu, 2018. Fuq dan il-ftehim, partikolarment klawsola 9, is-socjeta' konvenuta kienet obbligata li taghti tahrig professjonali fuq bazi ta' kull gimgha, u cioe' jew nhar ta' Tlieta jew nhar ta' Hamis kif kien jigi miftiehem. Dan it-tahrig professjonali kellu jkun immirat lejn il-*part-timers* u ghalih l-attur kellu attendenza obbligatorja. Skont l-istess ftehim, kundizzjoni minnhom kienet li jekk l-attur jitlaq minn jeddu wara tlett xhur izda qabel tlett snin kellu jirrifondi lura l-ammont ta' €5,000 ghat-tahrig li kien inghata. Oltre dan, klawsola 10 tal-istess ftehim tghid li l-*commission* tithallas wara li jkun iffirmat il-kuntratt finali quddiem in-Nutar. Barra dan kien hemm diversi kundizzjonijiet dwar ix-xoghol li skont l-attur huwa dejjem onora.

Fi klawsola 3.3 tal-istess ftehim hemm provdut li jekk is-sensar li hu riferut bhala *consultant* ma jkunx jista' jipprovdi s-servizz tieghu minhabba mard hemm procedura li l-ufficju jkun infurmat u huwa hekk kien ghamel meta kien diehel l-isptar. Huwa kien avza lil konvenuta Janice Azzopardi u hija qaltlu illi meta jkun rikoverat jinfurmaha sabiex jerga jibda jahdem. Sakemm kien qed jirkupra huwa baqa' f'kuntatt kontinwu mal-konvenuta, u sanhasnitra kienet issejhet laqgha u *part-timer* ohra, Sharon kienet ghaddiet ghalih.

Sakemm kien qiegħed bis-*sick leave* kien jgħaddi messaġġi lil-konvenuta għal ħlasijiet li kienu dovuti u hija kienet qaltlu li kienet ser tgħaddilu l-pagament fl-aħħar tax-xahar ta' Ġunju.

Fil-perjodu li għamel impjegat mal-konvenuta baqa' ma tħallasx għal xogħol ta' senserija li kien għamel u cioe' ta' żewġ kuntratti. Wieħed minnhom kien ta' membru tal-familja tiegħu, Malcolm Ciantar u wara li kien avviċina lil partijiet kien sar il-kuntratt. It-tieni wieħed kien ta' Jonathan Zammit u ċertu George Grech, li kien ħabib tiegħu u li kien avviċina lill-attur fejn talbu biex jassistih. L-attur qal li dan il-post ma kienx fid-*database* tal-kumpanija u kien involva lil kumpanija konvenuta huwa u filfatt kienet il-kumpanija li ħadet il-persentaġġ. Kompla jgħid li skont il-ftehim huwa kellu jieħu persentaġġ iktar għoli, u kienet Janice Azzopardi stess li qaltlu x'kellu jagħmel. Huwa kien irċieva ittra mhux iffirmata fejn kien mgħarraf li huwa ma kienx dovut is-senserija għax minkejja li kellu jieħu kważi ħamest'elef Ewro, l-attur kien iffirma ftehim li kellu jrodd lura ħamest'elef Euro. Huwa qatt ma ngħata taħriġ ta' xejn u l-uniku laqgħat li kellu, kienu fejn Azzopardi kienet tgħid li ma kienux qed jilħqu l-miri tagħhom.

L-attur sostna li Azzopardi barra li waqqfet lilu mill-impjieg kienet waqqfet ukoll *part-timers* oħra.

Fir-risposta tagħha, il-konvenuta Janice Azzopardi talbet li tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi hija ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur u aġixxiet fil-konfront tiegħu bħala d-direttriċi tas-soċjeta konvenuta Janice & Sons Limited. Il-konvenuta qalet illi hija m'għandha l-ebda debitu fil-konfront tal-attur.

Fir-risposta tagħha s-soċjeta' konvenuta eċċepiet illi hija ma baqgħetx inadempjenti fil-konfront tal-attur. Hija ma għandha tħallas l-ebda somma lill-attur għal-kuntrarju ta' dak li qed jgħid hu, u dana għaliex l-istess attur irid iħallas ħamest'elef Ewro lis-soċjeta'. Fil-fatt huwa kien ġie infurmat b'dan l-istess stat ta' fatt. Għalhekk bi tpaċċija l-attur għandu jħallas lis-soċjeta' d-differenza, u cioe' erbgħa u erbgħin Ewro (€44.00).

Kontestwalment mar-risposta tagħha, is-soċjeta' konvenuta ressqet ukoll kontrotalba fejn wara li spjegat l-arranġament iffirmat mil-partijiet, għamlet referenza għat-tieni paragrafu tal-istess arrangement fejn hemm miktub li Janice & Sons Limited ser toffri training obbligatorju b'xejn darba kull ġimgħa, l-istess paragrafu jispjega li jekk il-konsulent u cioe' l-attur rikonvenut, jieqaf joffri s-servizzi tiegħu ta' sensar lis-soċjeta' rikonvenjenti wara tliet xhur ta' tali servizz iżda qabel ma jgħaddu tliet snin mil-bidu ta' tali servizz, il-konsulent irid iħallas lil kumpanija is-somma ta' ħamest'elef Ewro (€5,000).

Kompliet tgħid li l-attur rikonvenut waqaf joffri s-servizzi tiegħu ta' sensar lis-soċjeta' konvenuta wara tliet snin, iżda qabel ma għaddew tliet snin mill-bidu tal-istess servizz. L-attur rikonvenut irid jitħallas erbat'elef u disgħa mija u sitta u ħamsin Ewro għas-servizzi offruti ta' senserija mogħti minnu bejn l-10 ta' Awissu tas-sena 2018 u l-25 ta' Settembru tas-sena 2019. Għalhekk il-konvenut għandu jħallas erbgħa u erbgħin Ewro (€44.00) lis-soċjeta' konvenuta rikonvenjenti.

L-attur rikonvenzjonat wiegeb ghal-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti billi eccepixxa illi huwa kien impjegat fuq bazi *part-time* ma Janice Azzopardi bhala sensar. Fil-perjodu tal-impjieg tieghu, l-attur ippresta s-servizz tieghu bhala sensar f'diversi kuntratti ta' bejgh u xiri ta' proprjeta' fosthom tnejn li ghalihom ghadu ma thallasx is-senserija dovuta lilu. Fil-kuntratt ta' ingagg hemm diversi kundizzjonijiet elenkati fih li jmorru kontra r-regolamenti tad-Direttur tax-Xogholijiet. L-attur qal illi fl-istess kuntratt hemm stipulat kundizzjonijiet f'kaz jekk l-imjegat jitlaq mill-impjieg minn jeddu, ghandu jhallas lura ghal tahrig professjonali li jkun ircieva. Fil-perjodu tal-ingagg l-attur qatt ma nghata l-ebda tahrig, ghaldaqstant m'ghandu jirrifondi lura l-ebda ammont pretiz mil-konvenuta. Komla jghid illi fl-istess kuntratt hemm stipulat illi din ir-rifuzjoni tkun dovuta jekk l-impjegat jitlaq minn jeddu izda huwa qatt ma telaq izda gie imkecci bhal ma gew imkeccija sensara ohra ghaliex kien hemm *down sizing* fin-numru ta' *part-timers*. Ghalhekk kienet l-istess konvenuta li kisret dan il-ftehim u m'ghandux ihallas ghalih l-attur ghaliex min naha tieghu onora l-kundizzjonijiet kollha.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi **Dorian Grech**[6] qal illi huwa kien avvicina lil Janice Azzopardi li tiggestixxi l-kumpanija Janice & Sons Limited sabiex jaghmel xoghol ta' sensar. Gew spejagati lilu t-termini tal-*policy* li tadopera l-kumpanija mal-konsulenti u ffirmaw ftehim nhar l-10 ta' Awissu, 2018. Esebixxa kopja tal-policy u l-ftehim iffirmati mil-partijiet. Qal illi skont klawsola 9 tal-*policy document*, Janice Azzopardi kienet obbligata li taghti tahrig professjonali fuq bazi ta' kull gimgha u cioe' jew nhar ta' Tlieta jew nhar ta' Hamis b'xejn. Dan it-tahrig professjonali kellu jkun ghal *part-timers* u kellu attendenza obbligatorja. Kellhom jattendu diversi *lecturers* professjonali, sabiex jaghlmuh dwar kif kellu jahdem b'mod professjonali, kif ukoll jigu spjegati affarijiet relatati ma ligijiet fil-qasam tal-proprjeta'. Skont l-istess *policy document* kien hemm kundizzjoni li jekk jitlaq minn jeddu wara tlett xhur imma qabel tlett snin, l-attur kellu jirrifondi lura €5,000 ghat-tahrig li jkun inghata. In oltre, fi klawsola 10, hemm provdut li l-*commission* tithallas wara li jkun iffirmat il-kuntratt finali quddiem in-Nutar. Klawsola 3.3 tipprovdi li jekk is-sensar ma jkunx jista jipprovdi s-servizz tieghu minhabba mard l-ufficju ghandu jigi nfurmat, kif fil-fatt ghamel l-attur meta kien ser jaghmel intervent l-isptar. Jiftakar li darba kienet saret laqgha fejn ghaddiet ghalih *part*-timer ohra stante li kien ghandu ma rkuprax mill-intervent. Il-ftehim jipprovdi wkoll meta jista jigi tterminat u cioe' minhabba traskuragni ta' xoghol, ghajr jekk ma jkunx hemm mard jew wara incident. Meta allontana ftit ruhu huwa ghamel dan bil-permess tal-istess Janice Azzopardi. Kompla jghid illi meta kien bis-*sick leave* huwa baqa' f'kuntatt kontinwu mal-istess konvenuta fejn qaltlu li l-pagament kellu johrog fl-ahhar ta' dak ix-xahar li kien Gunju. F'Lulju, l-attur kien informa lill-istess konvenuta illi kien ser jerga jidhol lura ghax-xoghol u li kien ser ikompli jahdem u dwar il-pendenzi li kien fadal izda l-konvenuta qaltlu li kienet sejra taghmel operazzjoni. Huwa baqa' ma thallasx ghal xoghol ta' senserija fuq zewg kuntratti, liema kuntratti gew pprezentati u kkonfermati

[6] Affidavit *a fol* 26 *et seq* tal-process.

miz-zewg nutara, senjatament min-Nutar Dr. Maria Stella Magri[7] u n-Nutar Dr. Daniel Bugeja[8]. L-attur kompla jghid li huwa kien ircieva l-ittra li kellu jaghti lura lil kumpanija €5,000 ghal-tahrig li kien inghata, izda huwa nnega li nghata tali tahrig. Barra minn hekk huwa kompla jghid illi kienet Janice Azzopardi li waqfitu mill-impjieg bhalma waqqfet sensara ohra *part*-time, u ma kienx telaq minn jeddu.

Xehdet **Tania Cardona**[9] li tahdem mal-kumpanija konvenuta bhala segretarja ghal dawk l-ahhar tlett snin, ta' liema kumpanija d-Direttrici hija Janice Azzopardi. Hija pprezentat kopja tal-ircevuta tal-VAT datata 22 ta' Ottubru fl-ismijiet John Micallef u Nadine Debono, liema ammont kien jirraprezenta senserija fuq bejgh ta' proprjeta'. Ma ftakritx ghal-liema proprjeta' kienet qed tirreferi izda ftakret car li kien Dorian Grech u cioe' l-attur li kien is-sensar appuntat. Ma kienetx involuta fir-rigward tal-korsijiet moghtija imma kkonfermat li jsiru. Kompliet tghid li ma kienetx f'posizzjoni li tikkonferma jew le jekk Dorian Grech qatt attendiex ghal tali korsijiet.

Xehed **Jonathan Zammit**[10] fejn qal li lill-attur jafu bhala habib tieghu u hu kien is-sensar involut fir-rigward tal-kuntratt ta' trasferiment ta' House Nru 13 kif indikat fil-kuntratt ippublikat minn Nutar Dr. Maria Stella Magri. L-attur qatt ma qallu li qed jittrattah bhala habib, li ma kienx ser jiccargjah u li kien ser jigi imhallas min-naha tal-kumpanija Senasara Malta. L-involviment tal-attur kien li cempel lis-sid precedent tal-post imsemmi, u li kien mar mieghu ghand in-nutar fuq il-konvenju. Fuq il-kuntratt finali kienet marret persuna ohra minn Sensara Malta izda huwa dejjem ikkomunika mal-attur.

Xehed **Malcolm Ciantar[11]** li qal li l-involviment tieghu huwa meta l-attur, bhala sensar kien avvincinah u hajru ghal-post mertu tal-kuntratt ppubblikat min Nutar Dr. Daniel Bugeja. Huwa kien iffirma kemm il-konvenju u kemm il-kuntratt ta' xiri. Hu kien halla kollox f'idejn l-attur, fejn kien innegozja it-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt ta' bejgh u xiri. Fil-konvenju kien issemma l-attur bhala s-sensar izda fil-kuntratt finali issemmiet Sensara Malta. L-attur kien prezenti kemm ghal-konvenju u kemm ghal-kuntratt ta' bejgh, u bhala senserija hu kien hallas lil Sensara Malta permezz ta' cekk ta' €5,000.

Xehed **Joseph Saliba**[12] bhala rappresentat tal-Jobsplus fejn l-informazzjoni prodotta kienet limitatament ghas-sena 2019, u f'dik is-sena m'hemm hadd li huwa jew li jidher impjegat mas-socjeta' konvenuta.

Xehdet **Sharon Pullicino[13]** fejn qalet li kienet tahdem bhala sensara fuq bazi *part-time* mal-konvenuta fl-14 ta' Mejju, 2018. Xogholha kien jinvolvi li tbiegh proprjeta' pero' qatt ma kellha tahrig sabiex tkun tista twettaq dan. Lill-attur kienet tafu ghaliex kien

[7] *A fol* 147 tal-process.
[8] *A fol* 148 tal-process.
[9] *A fol* 141 tal-process.
[10] *A fol* 143 tal-process.
[11] *A fol* 145 tal-process.
[12] *A fol* 150 tal-process.
[13] *A fol* 217 *et seq* tal-process.

*part-timer* bhalha. La hi u lanqas l-attur ma kien ikollhom tahrig fost impjegati ohra, pero' Janice Azzopardi kienet tati *hand-outs* li kellhom isegwu fix-xoghol taghhom. Meta kien ikollha problema kienet issaqsi lis-segretarja. Il-konvenuta kienet itterminata hija u pprezentat skambju ta' chats. Hi ffirmat ftehim ukoll, li kien jipprovdi li jekk jitilqu bejn tlett xhur u tlett snin kellhom ihallsu penali ta' €5,000.

Ra l-affidavit ta' **Josianne Schembri**[14] fejn qalet li kienet ilha impjegata ma Sensara Malta ghal *circa* hames snin. Hija rciviet tahrig minghand Azzopardi nnifisha kif ukoll minghand lecturers ohra, liema tahrig kien estensiv. Hija ftit li xejn rat lill-attur ghat-tahrig obbligatorju.

Ra l-affidavit ta' **Antonia sive Tania Parascandolo[15]** fejn qalet illi kienet ilha tahdem ma sensara Malta ghal *circa* 6 snin. Hafna drabi marru nies minn barra Sensara Malta biex jghalmuhom bhal zviluppaturi, nutara, rapprezentanti tal-banek u esperti ohra fis-suggetti li jkunu ser jiddiskutu. Jaghmlu anke role-plays fejn japplikaw dak li tghallmu ghal sitwazzjoni partikolari li jigu pprezentati biha. Il-lectures huma kollha imtellghin fuq *google drive* tal-kumpanija u wiehed jista jirreferi ghalihom meta jkollu bzonn. Hi qatt ma ltaqghet mal-attur ghax ma kienx jattendi ghal-laqghat obbligatorji.

Ra l-affidavit ta' **Marika Cortis**[16] li kienet ilha tahdem ma Sensara Malta ghal circa hames snin bhala sensara. Kienu jiltaqghu ghat-tahrig kull nhar ta' Tlieta u jigu organizzati *training sessions* kull nhar ta' Hamis u Sibt ghal min ma jkunx jista' jattendi is-sessjoni tat-Tlieta. Qalet li s-sensara kollha jinghataw access ghal *google drive* tal-kumpanija u Janice Azzopardi dejjem kienet tkun disponibbli. Barra minn hekk jigu wkoll *lecturers* minn barra Sensara Malta sabiex jaghlmuhom ukoll. Kemm ilha tahdem ma Sensara Malta hija qatt ma ltaqat mal-attur waqt it-tahrig obbligatorju.

Ra l-affidavit ta' **Janice Azzopardi**[17] fejn qalet li ilha involuta fl-industrija tal-proprjeta' ghal *circa* tletin sena. Sebgha snin ilu hija hasset ix-xewqa li timxi pass 'il quddiem fejn kienet topera that it-tradename ta' Sensara Malta. Imbaghad fit-12 ta' April tas-sena 2017 hija ghamlet kumpanija bl-isem ta' Janice & Sons Limited u baqghet topera taht l-isem Sensara Malta. Illum-il gurnata ghandha iktar minn 20 rappresentant fi hdan Sensara Malta. Kompliet tghid illi dan is-settur huwa kompetittiv u kien ghalhekk illi gie deciz li tiddahhal il-klawsola tal-penali ghat-tahrig u l-l-informazzjoni kollha li jkunu inghataw ghaliex kien ikun hemm agenti ta' kumpaniji ohra li kienu jintbghatu jahdmu maghhom sabiex jiehdu informazzjoni mid-*database*. Hija kompliet tispjega dak kollu li jinghata mill-kumpanija lil sensara indipendenti u anke dawk impjegata mal-istess kumpanija. Ipprezentat ukoll serje ta' dokumenti dwar tahrig li jsir minnha u minn terzi persuni li jigu ingaggati sabiex jghalmu lis-sensara. Kompliet tghid li l-attur qatt ma kien impjegat mal-kumpanija, u hu kien riferut bhala *part-timer* informalment biss ghaliex kellu xoghol x'imkien iehor. Ghalhekk huwa qatt ma seta jigi imkecci. Fil-fatt kien huwa li waqaf jippresta s-servizzi tieghu ta' sensar u

[14] *A fol* 234 tal-process.
[15] *A fol* 235 tal-process.
[16] *A fol* 236 tal-process.
[17] *A fol* 237 *et seq* tal-process.

dan ghamlu minn rajh. Kien sahansitra l-attur stess li kien qalilha li kien qieghed jahdem go bar *part-time*. L-allegazzjonijiet li kien hemm *downsizing* kienu inveritieri. Fir-rigward tas-sistema, gjaladarba persuna tippresta s-servizzi taghha lil Sensara Malta, jekk ma taccessax l-*online database* ghal zmien twil, din twaqqaf awtomatikament l-access ta' dik il-persuna. Il-kumpanija ghalqet ghajnejha diversi drabi fil-konfront tal-attur, u kien hemm hafna drabi fejn kien jigi awtomatikament maqtugh mis-sistema. Il-kuntratt ta' bejgh ta' Malcolm Ciantar sar xhur wara li l-attur waqaf jippresta s-servizzi tieghu lil Sensara Malta. Kien gja kellhom suspetti li l-attur kien qed jipprova jestratta d-database tal-proprjetajiet, kuntratturi u venditur i, u fil-fatt huwa pproceda billi fetah agenzija tal-proprjeta' tieghu stess. Minn din in-nuqqas ta' kommunikazzjoni intbghatet ittra sabiex isir il-hlas tal-penali hekk kif indikat mill-ftehim iffirmat minnu stess.

It-Tribunal ser jibda mill-eccezzjoni moghtija in linea preliminari mill-konvenuta Janice Azzopardi fejn talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur stante li agixxiet fil-konfront tieghu bhala direttrici tas-socjeta' konvenuta Janice & Sons Ltd (C80446).

In kwantu ta' din l-eccezzjoni, jirrizulta mill-*Policy document*,[18] *Consultancy Agreement*,[19] kif ukoll minn *Non-Disclosure Agreement*,[20] ipprezentati kemm mill-attur, kif ukoll mis-socjeta' konvenuta illi l-firmatarji huma huwa nnifsu u l-kumpanija Janice & Sons Limited (C80446) fejn iffirmat il-konvenuta Janice Azzopardi f'isem il-kumpanija konvenuta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' tali eccezzjoni.

It-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi dwar l-ammont pretiz ta' €4,956 li jirraprezentaw senserija dovuta lilu ta' zewg kuntratti ppublikati bl-intervent tal-istess attur meta huwa kien qed jippresta s-servizzi tieghu mal-istess kumpanija.

It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi mid-dokument prodotti miz-zewg partijiet, kif ukoll kif jirrizulta mid-dokument esebiet mir-rappresentant tal-Jobsplus li l-ftehim iffirmat kien ta' konsulenza u mhux ta' impjieg.

Iz-zewg kuntratti li l-attur ghamel referenza ghalihom huma, dak ippublikat fit-22 ta' Mejju, 2019 minn Nutar Dr. Maria Stella Magri, u dak ippublikat fit-22 ta' Ottubru 2019 minn Nutar Dr. Daniel Bugeja. Fl-affidavit taghha Janice Azzopardi qalet:

> *"Sensara Malta" ghalqet ghajnejha kemm-il darba fir-rigward ta' Dorian Grech. Hafna kienu d-drabi meta l-istess gie awtomatikament mahrug mis-sistema u dejjem wara xi zmien jerga jcempel bi skuza sabiex jerga jinghata l-access. Darba ma smajniex minghandu ghal zmien ghax mietet in-nanna, darba ohra kellu jaghmel operazzjoni, darba ohra qal li habat bil-karozza,*

[18] *A fol* 29 *et seq* tal-process.
[19] *A fol* 32 *et seq* tal-process.
[20] *A fol* 42 *et seq* tal-process.

*u hafna drabi kien jghid li kien marid. Darba minnhom sahansitra cempel isaqsi biex jinhareg mis-sistema ghax kienu qeghdin ifittxuh tas-cyber crime. L-iskuzi u l-kumbinazzjonijeit qatt ma jieqfu ma' Dorian Greh. Wara dan ma smajniex minghandu ghal xahar shih u mbad cempel isaqsi ghall-access ghad-database ghax qal li kollox kien irrangat ma' tas-cyber crime. L-ghada, kumbinazzjoni, ghamel konvenju mar-ragel ta' ohtu, Malcolm Ciantar, fuq proprjeta' fid-database taghna (vide Dok SM13). Dak iz-zmien Dorian Grech kien ghadu kif qalli illi ma istax jahdem ghaliex ghadu kif ghamel operazzjoni pero' nonostante dan irnexxielu isaqsi ghall-access ghas-sistema, ifittex propjeta ghar-ragel ta' ohtu, imur ghal-viewing tal-post u jaghlaq in-negozju. Il-kuntratt ta' bejgh ta' din il-proprjeta sar xhur wara li Dorian waqaf jippresta s-servizzi tieghu lil "Sensara Malta" u cioe' fit-22 ta' Ottubru 2019.*[21]

Il-paragrafu immarkat bin-numru 10[22] tad-dokument li jirregola *Policies that must be followed in:* jipprovdi s-segwenti:

*If this Consultancy Agreement is terminated and there are pending Agreements or/and deals to close off, an administrative fee of 10% for every Agreement and/or Deal to be closed off is due to the Company in order to finalize and get the conract published. The pending commissions due to the Consultant shall provided to him/her, once the cheques are deposited in the Company's bank account and cleared by the bank.*

Tania Cardona[23] waqt ix-xhieda taghha pprezentat kopja tal-ircevuta tal-VAT bin-numru 30 u datata 22 ta' Ottubru, 2019 fl-ismijiet John Micallef u Nadine Debono,[24] fejn l-ammont indikat jirraprezenta senserija fuq bejgh ta' proprjeta'. Hija kompliet tghid li tiftakar car li kien Dorian Grech li kien is-sensar appuntat.

In oltre, Malcolm Ciantar[25] fix-xhieda tieghu xehed li l-attur kien prezenti waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali.

Illi fir-risposta pprezentata mill-kumpanija konvenuta gie eccepiet li l-attur ghandu jhallas id-differenza bejn il-hamest'elef Ewro penali u l-erbat'elef, disa mija u hamsa u sittin Euro bi tpacija u ghalhekk ghandu jhallas l-ammont ta' erbgha u erbghin Euro lis-socjeta' konvenuta. Dan ukoll gie imsemmi fil-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta rikonvenzonanti fejn talbet illi l-attur rikonvenzjat ihallas lis-socjeta' s-somma ta' erbgha u erbghin Ewro. Dan jirrizulta wkoll mill-ittra mibghuta lill-attur datata 25 ta' Settembru, 2019.

---

[21] *A fol* 239 tal-process; paragrafu 18.
[22] Immarkat bil-linka, *a fol* 30 tal-process.
[23] *A fol* 141 tal-process.
[24] *A fol* 184 u 186 tal-process.
[25] *A fol* 145 tal-process.

Illi għalhekk jirriżulta illi l-ammont ta' €4,965 mitlub mill-attur taż-żewġ kuntratti indikati iktar 'l fuq huma dovuti lilu mis-soċjeta' konvenuta Janice & Sons Limited.

Illi fir-risposta għal-kontro-talba, l-attur rikonvenzjonat eċċepixxa li fil-kuntratt ta' ingaġġ hemm diversi kundizzjonijiet elenkati fih li jmorru kontra r-regolamenti tad-Direttur tax-Xogħlijiet. It-Tribunal odjern ma huwiex it-Tribunal Industrijali u għalhekk ma huwiex ser jidħol f'tali materja.

In oltre, la mill-provi prodotti u lanqas mis-sottomissjonijiet magħmula bil-miktub ma jirriżulta li l-attur ressaq proċeduri għar-rexissjoni tal-iskrittura u d-dokumenti ffirmati minnu. Lanqas ma jirriżulta li huwa kien ippropona proċedura sabiex jimpunja il-validita' ta' tali skrittura u dokumenti, oltre l-kawża odjerna.

Illi is-soċjeta' rikonvenzjonanti spjegat illi meta l-attur rikonvenzjonat kien għamel perjodu ta' żmien iżda fuq bażi self-employed mas-soċjeta' u ċioe' bejn l-10 ta' Awissu, 2018 u l-25 ta' Settembru, 2019, il-partijiet kienu daħlu fi ftehim li kien jikkontjeni *company policies* u l-konsegwenzi tal-ksur ta' tali policies. Il-kumpanija għamlet referenza għal-paragrafu li jgħid li Janice & Sons Limited ser toffri training obbligatorju b'xejn darba kull ġimgħa. L-istess paragrafu jispjega li jekk il-konsulent jieqaf joffri s-servizzi tiegħu ta' sensar lis-soċjeta' rikonvenzjonanti wara tlett xhur ta' tali servizz iżda qabel ma jgħaddu tlett snin mil-bidu ta' tali servizz, il-konsulent irid iħallas lil Janice & Sons Limited is-somma ta' €5,000. Is-soċjeta' rikonvenzjonanti qalet li l-attur waqaf jagħti s-servizz tiegħu wara tlett xhur minn mindu beda s-servizz u qabel tlett snin mill-bidu ta' tali servizz.

Paragrafu 9 tad-dokument *Policies that must be followed in:*[26] jipprovdi s-segwenti:

> *Training shall be provided to all the Consultants on a weekly basis either on Tuesday or Thursday depending on the scheduled week. Every Consultant is to attend the training on time unless previously notified otherwise. The training held shall take place at the Client's main office in Safi, whereby professional lectures shall be engaged to keep the Consultants well-informed and up-to-date with the current legislation and work practice. The training shall be free of charge and obligatory. Should a Consultant terminate his contract with the Client after three months but before three years of signing this consultancy agreement, the Consultant shall indemnify thee Client EUR5,000 as a fee for the training provided to him/her;*

Jirriżulta car illi t-taħriġ kellu jsir jew nhar ta' Tlieta jew nhar ta' Ħamis u kull konsulent kellu jattendi għal tali taħriġ fil-ħin sakemm ma jkun informa mod ieħor. Dan it-taħriġ kellu jsir fl-uffiċju tal-klijent ġewwa Safi fejn il-konsulenti kienu ser jingħataw lectures professjonali sabiex il-konsulenti jinżammu *up-to-date* mal-leġislazzjonijiet kurrenti kif ukoll prattiċi tax-xogħol.

[26] *A fol 30* tal-proċess; immarkat bil-linka.

L-attur fl-affidavit tieghu qal li kien ghamel operazzjoni u kif kien qed jirkupra zamm f'kommunikazzjoni kontinwa ma Azzopardi. Kompla jghid li tant kemm baqa' f'kuntatt illi fil-perjodu li kien bis-sick leave, Azzopardi kienet sejhet laqgha ghal-*part-timers*, u ghalkemm kien informaha li ma setax isuq kien ftiehem ma *part-timer* ohra sabiex tghaddi ghalih u twasslu lura. Kompla jghid li f'dik il-laqgha kull ma sar kien li Azzopardi bdiet theggeg lil min kien prezenti sabiex jahdmu iktar ghaliex is-*sales* kienu qeghdin jonqsu, apparti li kienet qaltilhom li kienet imhabbta ghaliex kienet hierga ghall-elezzjoni tal-kunsill lokali.[27]

L-attur fil-kontro-ezami tieghu[28] spjega li fiz-zmien ta' Marzu kellu jaghmel operazzjoni fi spalltu u ma setghax isuq il-karozza privata tieghu u li x-xoghol ta' sensara jirrikjedi li jkunu jistghu isuqu biex isehhu l-*viewings*. Kompla jispjega li wara l-operazzjoni imsemmija kellu jaghmel tminn gimghat ma jistax jahdem. Kompla jghid illi it-tlett obbligi li hemm fil-ftehim li gie ffirmat, ma seta' jaqdi xejn minnhom bejn Marzu u Settembru minhabba l-*injury* li kellu. Qal illi kienu jridu jsiru *training sessions*, pero' kienu jissejhu *internal meetings*, u kienu jsiru sabiex jigu informati bi proprjeta' gdida u wkoll is-*sales targets*. Cahad li qatt kien involut f'xi *internal meeting* li fih kien prezenti xi espert bhala ma huwa nutar biex jaghmlilhom *training session*. Filfatt huwa qal li dawn it-training sessions ma kienux isiru. Huwa ma kienx prezenti ghat-*training session* fit-18 ta' Awissu 2019 ghaliex kien gja gie imwaqqaf mix-xoghol, fis-sens li ma kellux access ghal dan il-grupp.

Janice Azzopardi ghan-nom tas-socjeta' konvenuta fl-affidavit taghha[29] spjegat laqghat li kienu saru kif ukoll pprezentat serje ta' *screen shots* ta' laqghat li kienu jsiru b'mod virtwali. Fil-kontro-ezami taghha[30] qalet illi hija ma tiftakarx ghal-liema laqghat l-attur kien attenda. Spjegat illi t-training ikun rekordjat u kull min kellu access tal-*google drive* kellu access ghall-istess tahrig.

Hawnhekk jirrizulta illi ghalkemm hemm serje ta' *screen shots* li jmorru lura anke fi zmien meta l-attur ma kienx jippresta s-servizzi tieghu lill-kumpanija, kien hemm numru mhux hazin ta' laqghat fejn kien ikun specifikat x'kien ser isir fihom u hu kien ikun imnizzel fihom. Sahansitra kien hemm uhud minnhom li kien irrisponda ghalihom. Ghalkemm huwa qal illi f'Marzu kien mahrug mis-sistema u ghalhekk ma setax ikun jaf bit-tahrig li kien qed isir jirrizulta f'serje ta' *screen shots* illi huwa kien ikun '*tagged'* u ghalhekk dan zgur ma setax ikun possibli kieku kien mahrug mis-sistema imsemmija.

Ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jasal ghal-konkluzjoni li laqghat b'mod professjonali ma kienux isiru.

Mic-*chats* prodotti miz-zewg partijiet jirrizulta illi l-attur verament kien izomm kuntatt ma Azzopardi ghalkemm b'mod sporadiku ghall-ahhar. Jirrizulta li l-uniku referenza li hemm ghal meta l-attur seta' kien bis-*sick leave* u kien kompla jippresta s-servizzi

[27] Paragrafu 11; a fol 26 u 27 tal-process.
[28] *A fol* 385 *et seq* tal-process
[29] A fol 237 et seq tal-process.
[30] A fol 382 et seq tal-process.

tieghu wara tali *sick leave* kien fl-10 ta' Lulju, 2019, fejn il-konversazzjoni kompliet fuq cekkijiet ta' kuntratti li saru. Jirrizulta wkoll li sussegwentement l-attur kien kellem lil Azzopardi[31] fl-4 ta' Settembru fejn kien staqsiha jekk ghadhiex imsiefra. Meta Azzopardi staqsietu ghandux bzonn xi haga l-attur irrispondiha li xtaq li jiltaqghu ftit ghaliex huwa jrid jerga jibda part-time sew u li kien qabad part-time go bar rega izda jippreferi li jinvesti l-istess hin f'xi haga ahjar, filwaqt li staqsieha ghal pagamenti pendenti. Sussegwentment intbaghtu messaggi mill-attur fis-26 ta' Settembru fejn saqsa lil Azzopardi jekk kienetx ghada msiefra u sabiex ihallas l-VAT li kellu pendent u jigbor hlas ghal kuntratt li kien sar f'Marzu fejn kienet infurmatu li kienet intbatitlu ittra sabiex ihallas il-penali ta' €5,000 talli kien waqaf joffri s-servizz wara 3 xhur u qabel 3 snin li kien iffirma l-ftehim. Jirrizulta wkoll illi l-ittra ghal-hlas ta' penali lill-attur ntbaghtet fil-25 ta' Settembru, 2019[32], u cioe' jum qabel ma l-attur ikkuntattja lil Azzopardi.

L-attur in kontro-ezami xehed li huwa ma kienx qed jippresta s-servizzi tieghu bejn Marzu u Settembru minhabba l-*injury* li kellu meta fl-affidavit tieghu qal illi huwa kien informa lil Azzopardi li kellu tminn gimghat li ma setax jahdem. Madanakollu jirrizulta illi fl-10 ta' Lulju kien baghat messagg lil Azzopardi fejn qalilha li kien rega dahal lura ghax-xoghol ghaliex xebgha d-dar u suppost kellu jidhol fil-15[33]. Allura dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif minn tminn gimghat li ma jistax jippresta is-servizzi saru sitt xhur.

Jirrizulta wkoll illi tali kuntatt mas-socjeta' rikonvenzjonanti kien b'mod sporadiku u l-messaggi kienu iktar dwar hlasijiet milli dwar xoghol.

It-Tribunal ra li l-partijiet qablu illi d-data li l-attur ma baqax jippresta s-servizzi tieghu lis-socjeta' konvenuta kien fil-25 ta' Settembru, 2019. Li ma hemmx qbil fuqu huwa jekk l-attur waqafx jippresta s-servizzi min-naha tieghu jew inkella jekk giex imwaqqaf mill-kumpanija. L-attur argumenta li huwa qatt ma waqaf mis-servizz izda kienet il-kumpanija li kisret il-kundizzjonijiet li kien hemm fil-ftehim iffirmat bejniethom. Ghalkemm is-socjeta' konvenuta qablet li l-attur waqaf jippresta s-servizzi tieghu fil-25 ta' Settembru, 2019, hija rrilevat illi huwa kien waqaf qabel, u dan stante li kien qal lil Azzopardi li kien rega qabad *part-time* go bar, u li xtaq jiltaqa' maghha ghax ried jerga jaqbad *part-time* sew u dan kien qabel id-data maqbula fuqha mill-partijiet u cioe' fl-4 ta' Settembru.

Ic-*chat* tal-4 ta' Settembru jghid is-segwenti:

Attur: *Kif ahna Jan?*

*Ghadek imsiefra int?*

Azzopardi: *Iva*

[31] *A fol* 196 tal-process.
[32] *A fol* 192 tal-process.
[33] *A fol* 195 tal-process.

*Ghandek bzonn xi hagA hi*

*Fadali imsiefra jien*

Attur: *Ahhh ok*

*U le xejn kbir*

*Xtaqt nintaqghu naqra, ghax irrid nerga nibda part time sew*

*U ridt isaqsik ukoll jekk hux clear ic-cheque tal-kuntratt li kien sar please*

*Qbadt part time go bar ergajt, imma to tell you the truth, nipreferi ninvesti l-istess hin f'xi haga ahjar*[34]

Fir-rigward tal-messagg hawn fuq citat, Azzopardi kkonfermat illi permezz ta' dak il-messagg l-attur kien informaha li kien qed jahdem go bar, u li kienet fehmet li huwa ma kienx ghadu membru ta' Sensara Malta. Min-naha tieghu l-attur fir-rigward tal-istess messagg l-ewwel qal li dan il-messagg "*ghandu jinftiehem fis-sens illi jiena kont qed nitlob biex nerga' nigi mdahhal fis-sistema u mhux li l-impjieg tieghi kien gie b'xi mod itterminat*", imbaghad qal "*nghid illi minn dawn it-tliet obbligi fejn hemm l-obbligi taghna jiena minn dawn l-obbligi effettivament ma stajt naqdi xejn bejn Marzu u Settembru minhabba l-injury li kelli, kif semmejt qabel. Mistoqsija jekk jiena kontx nahdem part-timer f'bar, nghid illi jiena f'dak l-istess zmien kont qed naghmel talba lilha biex* ***nerga' nidhol nahdem maghha****.*"

Illi ghalhekk jirrizulta car u gie konfermat minnu stess illi l-attur rikonvenzjonat kien waqaf jippresta s-servizz tieghu mas-socjeta' konvenuta qabel l-4 ta' Settembru u kien permezz ta' dan ic-chat illi kkonferma dan mas-socjeta' konvenuta-rikonvenzjonanti, fejn konsegwentement is-socjeta' konvenuta baghtet l-ittra sabiex ihallas l-penali skont il-ftehim iffirmat.

Illi s-socjeta' rikonvenzjonanti fil-kontrotalba talbet ghat-tpacija u cioe' li mill-hamest'elef Ewro penali tal-ksur tal-ftehim li ghandu jhallas l-attur rikonvenzjonat issir tpacija mal-ammont mitlub minnu u cioe' l-ammont ta' erbat' elef, disgha mija u sitta u hamsin Ewro u ghalhekk l-attur rikonvenzjonat ihallas l-ammont ta' erbgha u erbghin Ewro.

[34] *A fol* 196 tal-process.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jiddisponi mil-kawza billi in kwantu ghat-talba promotrici u r-risposta ghaliha, jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Janice Azzopardi sabiex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u jichad it-talba attrici. Kwantu ghal-kontrotalba, it-Tribunal ghar-ragunijiet imsemmija jilqa' t-talba tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti, u jichad l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat u jordna lill-attur rikonvenzjonat ihallas s-somma ta' erbgha u erbghin Euro (€44.00) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez u d-drittijiet relattivi ghad-digriet datat 13 ta' Lulju, 2020[35] jithallsu mis-socjeta' konvenuta, dawk relattivi ghat-talba promotrici ghandhom jithallsu zewg terzi (2/3) mill-attur u terz (1/3) mis-socjeta' konvenuta, filwaqt dawk relattivi ghal-kontrotalba ghandhom jithallsu kollha mill-attur rikonvenzjonat. L-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jithallas mill-attur rikonvenzjonat.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

[35] *A fol* 118 *et seq* tal-process.